MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2010

Numru 1209/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**Vs.**

**KREATON CUTAJAR**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Kreaton Cutajar ta' 32 sena, bin Manuel u l' Jean nee' Dee, imwieled Lambeth (Londra), nhar 27/7/77, prezentement residenti fil-fond numru YMCA, Triq San Pawl, Valletta, detentur tal-Karta ta' l-Identita numru 600977M.

Billi huwa akkuzat talli nhar it-28 ta' April, 2005, gol-belt Valletta ghal habta tat-tlieta u nofs ta' wara nofsinhar,

a) seraq mobile phone tal-marka Sagem tip MYX3-2 li jiswa anqas minn mitt Lira Maltin (LM100.00) ghad-detriment ta’ Albano Grima liema serq huwa aggravat bil-persuna, u bil-valur tal-haga misruqa.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok. JM2 u nnutat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fl-ezami tieghu l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li minn verifiki li ghamel personalment jirrizulta li l-imputat ghandu fedina penali netta u li r-rifurtiva giet ritornata lil sidha. Inoltre l-istess Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija.

Rat l-artikoli 261(d), 268 u 281 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Kreaton Cutajar, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-Proceduri u dak dikjarat fil-Verbal tas-Seduta tallum mill-Ufficjal Prosekutur kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza, tillibera lill-imputat Kreaton Cutajar taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 449 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Kreaton Cutajar l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------